MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1648/2005

**Avantgarde Holdings Limited**

**vs**

**Matthew u Elaine konjugi Borg**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Awissu 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' mija u sittin lira Maltija (Lm160) bilanc tal-prezz ta' madum u xoghol ta' tqeghied esegwiet mis-socjeta attrici fuq ordni u nkarigu tal-konvenuti, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez inkluz dawk ta'l-ittra bonarja ta'l-4 ta' Lulju 2005.

Ra n-nota ta' cessjoni prezentata mis-socjeta attrici fil-konfront tal-konvenuta Elaine Borg.

Ra n-nota tal-konvenut Matthew Borg li biha ammetta t-talbiet attrici u iddikjara li gia hallas is-sorte u ntrabat li jhallas l-imghaxx u l-ispejjez.

Ra n-nota ta' cessjoni prezenatat mis-socjeta attrici li permezz taghha gie cedut is-sorte anke fil-konfront tal-konvenut pero zamm ferm il-kap ta'l-ispejjez u l-imghaxx.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi, fuq ammissjoni tal-konvenut, jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-imghaxx u l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------